MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta’ Ġunju, 2022

Appell Inferjuri Numru 146/2021

**Anthony Pace Balzan (K.I. nru. 839850(M))**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Anthony Pace Balzan (K.I. nru. 839850(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’], minn lodo arbitrali mogħti fl-10 ta’ Novembru, 2021, [minn issa ’l quddiem ‘il-lodo arbitrali’], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘iċ-Ċentru’] fl-atti tal-Arbitraġġ numru 6046/2020, fejn

ċaħad it-talbiet tiegħu fil-konfront tal-intimata soċjetà assiguratriċi **Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata”].

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw il-ħsarat ikkaġunati lid-dgħajsa proprjetà tal-appellant bl-isem ta’ ‘Maid of Arundel’ [‘id-dgħajsa’], subiti f’maltempata li seħħet bejn it-23 ta’ Frar, 2019 u l-24 ta’ Frar, 2019, filwaqt li kienet marbuta fix-Xatt tal-Gżira. L-imsemmija dgħajsa kienet koperta permezz ta’ polza ta’ assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà appellata, li rrifjutat li tonora l-*claim* għar-riżarċiment tad-danni kif magħmula mill-appellant, fejn invokat l-*Endorsement No. 05/18* favuriha.

3. L-appellant istitwixxa proċeduri ta’ arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta’ Avviż ta’ Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fis-7 ta’ Ottubru, 2020, fejn talab:

> *“Risarċiment, mis-soċjetà intimata, tal-ħsarat, kaġunati fuq id-dagħjsa (Yacht), bl-isem ta’ ‘Maid of Arundel’, proprjetà tar-rikorrenti, fis-somma ta’ erbatax-il elf, tlett mija u sbatax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmi (€14,317.68), flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%), mid-data tan-notifika tal-ittra ġudizzjarja, ippreżentata nhar it-12 ta’ Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), (Numru 999/2020).”*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet permezz ta’ Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fit-23 ta’ Novembru, 2020, fejn issottomettiet li hija m’għandha l-ebda obbligu legali li tonora l-pretensjoni tal-appellant, u għalhekk it-talbiet tiegħu ma kellhomx jintlaqgħu, bl-ispejjeż kontrih.

## **Il-lodo arbitrali**

5. It-Tribunal tal-Arbitraġġ għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-lodo arbitrali li wassluh għad-deċiżjoni finali:

***"LODO***

*B'dan l-arbitraġġ ir-rikorrenti Anthony Pace Balzan qed jitlob illi l-intimata soċjetà assikuratriċi għandha tiġi ikkundannata tħallsu is-somma ta' Euro 14,317.68 rappresentanti ħlas ta' danni minnu sofferti konsistenti f'danni kaġunati fuq id-dgħajsa bl-isem "Maid of Arundel", proprjetà tar-rikorrenti u dan kawża tal-maltempata illi seħħet fil-lejl bejn il-23 u l-24 ta' Frar 2019, liema dgħajsa kienet marbuta fix-Xatt tal-Gżira u li is-soċjetà intimata assikuratriċi, naqset milli tkopri abbażi tal-claim li saritilha fuq il-polza ta' assikurazzjoni bin-numru MARH/247/18/103027 li kopja tagħha ġiet esebita u markata ABB2 annessa mal-*statement of claim*.*

*Is-soċjetà intimata iddefendiet il-proċeduri intrapriżi kontra tagħha billi filwaqt li aċċettat li tesisti il-polza tal-assikurazzjoni riferuta hija stqarret illi l-istess polza ta' assigurazzjoni kienet soġġetta fost oħrajn għall-*Endorsement *numru 5/18.*

*Illi subordinatament issottomettiet ukoll illi ir-rikorrenti ma ta l-ebda prova lis-soċjetà intimata permezz ta' xi* survey report *jew dokumentazzjoni oħra illi l-affarijiet li kellu jagħmel fuq id-dgħajsa tiegħu skont l-imsemmija* endorsement *5/18 kien fil-fatt wettaqhom. Għalhekk, kompliet tissottometti is-soċjetà intimata, fil-fatt kien hemm* breach of warranty *tal-imsemmija polza ta' assigurazzjoni bil-konsegwenza li qatt ma bdiet tapplika il-*liability *tal-assikurazzjoni u ċioé illi l-istess polza ta' assigurazzjoni qatt ma daħlet in vigore.*

*Għaldaqstant ukoll, kompliet teċċepixxi is-soċjetà intimata hija ma għandha ebda obbligu skont il-liġi li tonora il-*claim *tar-rikorrenti u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ma għandhomx jiġu akkolti u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti.*

*Illi inżammu ħames seduti li fihom il-partijiet ressqu il-provi tagħhom kollha u esibew id-dokumenti kollha relattivi li huma ħassew jissuffragaw il-pożizzjoni rispettiva tagħhom u wara li il-partijiet għalqu l-istadju tal-provi tagħhom, kien ġie verbalizzat illi l-istess partijiet, tramite l-avukat tagħhom, sejrin jippresentaw noti ta' sottomissjonijiet.*

*Dawn l-istess noti ta' sottomissjonijiet ġew ukoll presentati tempestivament, b'dik tar-rikorrenti li ġiet għand l-Arbitru fis-17 ta' Awwissu 2021 u dik tas-soċjetà intimata ġiet presentata fir-Reġistru taċ-Ċentru fl-14 ta' Settembru, 2021.*

*Qabel xejn, l-Arbitru iħoss li jkun qed jonqos jekk ma jirringrazzjax u ma jikkongratulax lill-avukati tal-partijiet, kif ukoll lill-istess partijiet, għal mod kif ikkomportaw ruħhom tul il-kors tal-ġbir tal-provi. Kienu leali mat-Tribunal, kienu lealissimi ma' xulxin, żammew il-ħin akkordat għalihom, ma ħlew l-ebda seduta u ippresentaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom fit-terminu miftiehem u mhux impost fuqhom mill-Arbitru. Kollox mexa ħarir u l-Arbitru kien ikun qed jonqos jekk dan ma jippuntwalizzahx.*

*Illi kif jaf kulħadd, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti illi jipprova kemm l-esistenza tal-polza ta' assikurazzjoni, kemm l-interess ġuridiku tiegħu, kif ukoll il-maltempata li seħħet u, fl-aħħar nett, l-ammont tad-danni reklamati. Is-soċjetà intimata ma kellha tipprova xejn. Is-soċjetà intimata kellha tilqa' biss għal dak li ġie allegat kontra tagħha.*

*Ir-rikorrenti qed jippretendi risarċiment fl-ammont ta' Euro 14,317.68. Hekk talab f'dawn il-proċeduri.*

*Fl-aħħar seduta miżmuma quddiem l-Arbitru, David Cuschieri, li jokkupa il-kariga ta'* Claims Manager *mas-soċjetà intimata, bil-ġurament tiegħu, qal hekk:*

> "Għaldaqstant aħna ħassejna li il-claim li hija is-suġġett ta' dawn il-proċeduri stajna inkomplu nittrattawha favorevolment dment li nirċievu l-evidenza tat-tiswijiet.
>
> Għalhekk ngħid illi aħna m'aħniex qed nistrieħu fuq difiża tal-endorsement 5/18 f'dan l-arbitraġġ.
>
> Id-dispute hija biss fuq il-quantum, u mhux fuq il-dritt tiegħu ta' koperatura."

*Fl-opinjoni tal-Arbitru dan ifisser illi s-soċjetà intimata ħassret għal kollox id-difiża li hija kellha u ċioé li il-polza, per se, ma kinitx għadha daħlet in vigore in vista tal-fatt illi kien hemm ksur tal-kondizzjoni. Dan il-fatt, per se, allura ifisser illi is-soċjetà intimata mhux biss hija l-persuna korretta li kontra tagħha kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri, iżda illi ir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet kienu regolati bil-kondizzjonjiet tal-polza ta' assigurazzjoni, li abbażi tagħha ġew istitwiti dawn il-proċeduri.*

*Dan però mhux biżżejjed għas-suċċess definittiv ta' dawn il-proċeduri favur ir-rikorrenti, għax, kif rajna qabel, hemm diffikultajiet oħra li rikorrenti irid jissorvola sabiex il-proċeduri tiegħu ikollhom suċċess.*

*Biex rikorrenti jista' jiftaħ proċeduri legali b'suċċess irid jipprova l-interess ġuridiku tiegħu fl-istess proċeduri. Irid neċessarjament juri illi huwa għandu dritt li jistitwixxi il-proċeduri legali in corso.*

*Fost konsiderazzjonijiet oħra, ċertament illi min jistitwixxi proċeduri bħal dawk odjerni irid jipprova illi attwalment tilef xi ħaġa u allura, b'konsegwenza ta' hekk, għandu dritt li jiġi risarċit. Huwa loġiku illi jista' biss jiġi risarċit għall-ħlas dik il-persuna li tkun fattwalment sborsat l-ammont li ikun qed jintalab mingħand l-intimat.*

*Illi dawn il-proċeduri ġew istitwiti minn ANTHONY PACE BALZAN li għandu in-numru tal-karta tal-identità 839850M.*

*Illi jirriżulta illi l-imsemmi Anthony Pace Balzan ma ħallasx ċenteżmu mill-ammont li qed jitlob li jiġi risarċit fih. Infatti fit-tielet seduta miżmuma f'dawn il-proċeduri, iben ir-rikorrenti, Edward Pace Balzan, għamel il-pożizzjoni ċara daqs il-kristall meta xehed hekk:*

"kull ammont li qed nippretendi ħlas tiegħu kien imħallas minni."

*Dan ifisser illi allura missieru Anthony Pace Balzan, ossija il-persuna li fetħet dawn il-proċeduri, ma ħallas xejn.*

*La darba Anthony Pace Balzan, ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, ma ħallas xejn in via ta' danni isegwi illi huwa ma għandu ebda interess ġuridiku fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri.*

*Hawn forsi wieħed, u naturalment dan ikun ir-rikorrenti, jista' jobjetta fis-sens illi la darba tali eċċezzjoni ta' karenza ta' interess ġuridiku ma ingħatatx mill-intimata soċjetà assiguratrici, ma għandhiex tiġi sollevata mill-ġudikatur. Jista' jagħti il-każ li tali objezzjoni, mill-aspett purament ġuridiku, tista' tkun konsidrata bħala korretta.*

*Madankollu, l-Arbitru sedenti jħoss illi, fil-kuxjenza tiegħu, ma jistax jikkundanna lil ħadd sabiex iħallas ċenteżmu, jekk min talab tali ħlas ma nefaqx l-ispiża hu. Kif qatt jista' persuna li ma nefqet xejn ikollha interess li tistitwixxi kawża għad-danni?*

*Kif qatt jista' ġudikatur (imħallef jew arbitru) jikkundanna lil xi ħadd iħallas ċenteżmu jekk l-intimat (l-ikkundannat) ma kellu ebda relazzjoni kontrattwali mar-rikorrenti?*

*Jista' ġudikatur jissolleva hu,* "sua sponte" *l-aspett tal-karenza tal-interess fuq ir-rikorrenti/attur? L-Arbitru sedenti japrezza li dan mhux faċli u huwa punt dibatibbli ħafna.*

*L-Arbitru sedenti iħoss li ġudikatur qiegħed hemm biex jagħmel ġustizzja bejn il-partijiet li jkollu quddiemu. Dak hu xogħolu. Il-ġustizzja trid issir iżda ukoll trid tidher li qed issir.*

*Ġudikatur irid ikun* "in pace con la coscienza" *biex jagħmel ġudizzju tajjeb. Il-ġustizzja hija għamja billi ma tara lil ħadd u preċisament għax hija għamja ma tara lil ħadd, illi trid tkun ekwidistanti mill-partijiet li jkollha quddiemha. Biex tkun ekwidistanti trid tagħmel il-ħaqq magħhom it-tnejn u allura il-ġustizzja trid issir u trid tidher li qed issir.*

*Biex tista' issir ġustizzja f'dan il-każ, sia pure li ġie pruvat li kien hemm maltempata, sia pure li ġie pruvat li il-*yacht *tar-rikorrenti sofriet ħsarat sostanzjali, sia pure li ġie pruvat li kien hemm polza ta' assigurazzjoni magħmula mas-soċjetà intimata li kienet in vigore, ma ġiex pruvat illi id-danni subiti f'dik il-maltempata ġew imħallsa mir-rikorrenti – anzi ġie pruvat il-kuntrarju u ċioé li ġew imħallsa minn iben ir-rikorrenti. Għalhekk is-soċjetà intimata ma tistax tiġi ikkundannata tħallas lil missier Edward Pace Balzan li ma kienx il-persuna li ħallas għar-riparazzjonijiet kollha f'din il-kawża, sia pure li huwa il-proprjetarju tal-*yacht.

*Kieku il-missier irriżarċixxa lil ibnu tal-ispiża li kienet saret, allura il-każ kien ikun kompletament differenti. Iżda f'dan il-każ, irriżulta indubbjament illi l-ispiża għamel tajjeb għaliha biss Edward Pace Balzan u ħadd iżjed.*

*L-Arbitru sedenti japrezza illi jista' jagħti il-każ illi b'riżultat tal-esitu ta' dawn il-proċeduri, jistgħu jiġu istitwiti proċeduri ġodda mill-imsemmi Edward Pace Balzan. Dan il-fatt, però, ma jistax jipperswadi lill-Arbitru imur kontra kuxjenztu u ċioé li jagħmel inġustizzja mal-partijiet għax għal daqshekk tkun tammonta deċiżjoni differenti minn dik li għaliha wasal l-Arbitru.*

*Illi l-Arbitru jħoss illi la darba is-soċjetà intimata hija lesta* "to entertain the claim", *kif del resto għamilha ċara li huwa il-każ il-*claims manager *tas-soċjetà intimata, una volta illi s-soċjetà intimata tkun sodisfatta illi attwalment l-ammont reklamat minn Edward Pace Balzan tħallas, allura huwa rakkomandat illi l-istess Edward Pace Balzan u is-soċjetà intimata għandhom, bl-akbar onestà u bl-aktar mod oġġettiv, jiltaqgħu bejniethom, jekk hemm bżonn assistiti mill-avukat rispettivi tagħhom, sabiex jaraw kif għandhom jirrisolvu id-differenzi ta' bejniethom.*

*Kull ma iridu jagħmlu il-partijiet konċernati, biex jaslu f'akkordju amikevoli, huwa illi jaqbdu il-*claim survey report *(Dok DC1) jattaljawh mal-ħlasijiet li effettwa Edward Pace Balzan u malajr għandhom jaslu x'hemm dovut li għandu jitħallas lil Edward Pace Balzan (u mhux lil Anthony Pace Balzan) biex b'hekk jiddisponu darba għal dejjem minn dan il-*claim.*"*

**L-Appell**

6. L-appellant ħass ruħu aggravat bil-lodo arbitrali u interpona appell fis-26 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka lodo arbitrali, filwaqt li tilqa' it-talbiet kollha tiegħu, u tiċħad ir-risposti kollha tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż kontriha. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) l-Arbitru injora l-parametri tal-arbitraġġ; (b) irriżulta ċar mix-xhieda ta' Edward Pace Balzan, li kien hu u mhux missieru l-appellant li kien jieħu ħsieb id-dgħajsa.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-30 ta' Diċembru, 2021 fejn sostniet li lodo arbitrali kien wieħed ġust u għalhekk jimmerita konferma minn din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mill-Arbitru fil-lodo arbitrali, u tas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata.

9. L-appellant meta jispjega l-ewwel aggravju tiegħu, isostni li l-Arbitru warrab għal kollox il-parametri li fihom sar l-arbitraġġ odjern, fejn kienet saret talba għal riżarċiment ta' danni fis-somma ta' €14,317.68 konsistenti fi ħsarat subiti mid-dgħajsa, kif ikkontestati mis-soċjetà appellata, li nvokat l-*endorsement* 5/18. Jikkontendi li l-konsiderazzjonijiet li mmotivaw il-lodo arbitrali marru lil hinn mill-parametri tal-arbitraġġ odjern, u jikkonsistu fis-

segwenti: (i) ix-xhieda ta' David Cuschieri li jokkupa l-kariga ta' *Claims Manager* mas-soċjetà appellata, fejn dan qal fost affarijiet oħra ċitati mill-appellant, *"illi jirriżulta illi l-imsemmi Anthony Pace Balzan ma ħallasx ċenteżmu mill-ammont li qed jitlob li jiġi riżarċit fih"*; u (ii) il-kwistjoni tal-interess ġuridiku li tqajmet mill-Arbitru proprju meta din ma kinitx tqajmet mis-soċjetà appellata. Dwar it-tieni aggravju tiegħu, li jirrigwarda l-kwistjoni dwar il-leġittimità tiegħu *o meno* li jressaq l-azzjoni odjerna, l-appellant jgħid li din toħroġ ċara mix-xhieda ta' Edward Pace Balzan, li ddikjara li huwa kien konsapevoli tal-fatti kollha għaliex kien proprju hu li jieħu ħsieb id-dgħajsa u mhux missieru. Huwa jagħmel riferiment għax-xhieda tal-istess Edward Pace Balzan, fejn dan spjega dak li kien ġara, u li huwa kien fetaħ *claim* mas-soċjetà appellata għan-nom ta' missieru, li min-naħa tagħha bagħtet il-*loss adjustor* sabiex jikkonferma l-ħsarat. Dan kien staqsih għal kopja tal-istimi u anki tal-irċevuti, u x-xhud mexa mad-direttivi tiegħu, fejn saħansitra avżah li ċerti tiswijiet kien ser jagħmilhom huwa stess, b'dana li d-dgħajsa għerqet f'Awwissu 2019. Iżda ma kienx hemm qbil dwar l-ammont, u x-xhud Edward Pace Balzan talab spjegazzjoni mingħand is-soċjetà appellata dwar l-ammont offrut, fejn madankollu baqa' mingħajr tweġiba. L-appellant spjega li x-xhud kien esebixxa rendikont tal-kontijiet bankarji tiegħu u ta' missieru mmarkati bl-aħmar fejn kien hemm il-ħlasijiet magħmulin minnu, peress li hu ma kienx sab l-irċevuti kollha. Spjega wkoll li ħafna mix-xogħol kien għamlu l-imsemmi xhud.  Imbagħad waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar, 2021, l-avukat difensur tas-soċjetà appellata kienet ivverbalizzat li ma kienx hemm kontestazzjoni min-naħa tagħha dwar l-ammonti reklamati *per se.* L-appellant irrileva li meta xehed David Cuschieri, ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata, dan qal li meta intalbu l-irċevuti tat-tiswijiet reklamati, kien hemm b'kollox valur

ta' €3,254.80, iżda ma ngħatawx evidenza sabiex tissostanzja n-natura tal-ispejjeż reklamati. L-appellant kompla billi għamel ukoll riferiment għall-kontro-eżami ta' David Cuschieri, fejn dan kien ikkonferma li s-soċjetà appellata kienet fil-25 ta' Novembru, 2019 irrifjutat il-*claim,* u wieġbet għall-arbitraġġ odjern billi eċċepiet li l-appellant ma kienx kopert minħabba *breach of warranty* skont l-*endorsement* 5/18. David Cuschieri kien qal ukoll, ikompli jirrileva l-appellant, li waqt il-mori tal-arbitraġġ is-soċjetà appellata kienet ikkonfermat li l-*endorsement* ma kienx ser japplika għall-*claim* mertu tal-istess arbitraġġ, u ġie ċitat li qal fost affarijiet oħra *"id-dispute hija biss fuq il-quantum, u mhux fuq id-dritt tiegħu ta' kopertura".* Iżda waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar, 2021 kien ġie verbalizzat mill-avukat difensur tas-soċjetà appellata li ma kienux kontestati l-ammonti per se, u b'hekk wieħed għandu jifhem li dan kien qed jingħad fid-dawl tal-fatt li fir-risposta tagħha hija kienet qegħda qabel xejn tikkontesta r-responsabbiltà stante ksur tal-kondizzjonijiet tal-assikurazzjoni. Iżda dwar dak dikjarat fir-risposta ma kinitx tressqet prova, anzi għall-kuntrarju s-soċjetà appellata irtirat l-istess risposta u d-difiża tagħha, u l-provi tagħha ġew diretti lejn kwistjoni li ma kinitx tagħmel parti mit-talbiet u mir-risposta, jiġifieri li l-appellant kellu jressaq prova tal-ispejjeż li għamel. Minkejja dan, is-soċjetà appellata ma kinitx talbet sabiex tressaq risposta ulterjuri, u għalhekk ġaladarba r-risposta tagħha kif magħmula ma ġietx sostnuta permezz tal-prova, din għandha tiġi miċħuda. L-appellant isostni li minkejja li t-tifel tiegħu Edward Pace Balzan kien jieħu ħsieb id-dgħajsa hu, għamel uħud mit-tiswijiet, kien jaf bil-fatti, ressaq il-*claim* hu, u mexxa n-negozjati mas-soċjetà appellata, l-assigurat kien proprju hu, l-appellant. B'hekk huwa biss seta' jmexxi l-arbitraġġ odjern, fejn it-talba ma kinitx waħda ta' danni akwiljani, imma ta' danni riżultanti minn

rabta kuntrattwali bejn il-partijiet. Jissottometti li l-fatt li sar arbitraġġ kien riżultat ta' klawsola arbitrali li l-partijiet kienu ftehmu minn qabel fl-imsemmi kuntratt ta' assigurazzjoni. L-appellant jgħid li kuntrarjament għal dak li qal l-Arbitru, ma kellha tagħmel l-ebda differenza jekk effettivament il-missier kienx irriżarċixxa jew le lil ibnu tal-ispiża li kienet saret, għaliex din kienet kwistjoni estranea għal dik odjerna. Jikkontendi li din kienet xi ħaġa ta' bejnu u t-tifel tiegħu, u għall-ħsarat fid-dgħajsa kellha tagħmel tajjeb biss is-soċjetà appellata. Isostni li ma kien hemm l-ebda riskju li b'xi mod Edward Pace Balzan kien qatt ser jieħu passi kontra s-soċjetà appellata, għaliex ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejniethom. L-appellant ikompli jgħid li mbagħad kien jispetta lil Edward Pace Balzan li jassigura li missieru jikkumpensah għall-ispejjeż li huwa kien għamel, iżda din kienet kwistjoni biss ta' bejniethom mingħajr ma setgħet qatt ikollha effett fuq l-arbitraġġ odjern. Jgħid li tant huwa żbaljat l-Arbitru fil-lodo arbitrali, li dan saħansitra ippresuppona sitwazzjoni fejn jista' jagħti l-każ li wara l-eżitu tal-proċeduri odjerni, jistgħu jiġu stitwiti proċeduri oħrajn minn Edward Pace Balzan, b'dana li dan ma seta' qatt jipproċedi kontra s-soċjetà appellata għaliex huwa ma kienx l-assigurat.

10. Is-soċjetà appellata tilqa' billi qabel xejn tgħid li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust u jimmerita konferma, għaliex l-appellant m'għandu l-ebda interess ġuridiku fl-eżitu tal-proċeduri. Tikkontendi li kif sewwa qal l-Arbitru, sabiex jintavola l-proċeduri legali fil-konfront tagħha, huwa kellu juri li kellu interess ġuridiku fl-imsemmija proċeduri, iżda l-appellant hawn naqas milli juri li huwa kien ħallas xi sold mill-ammont li huwa stess talab għalih, u rriżulta li kien ibnu Edward Pace Balzan li għamel kull pagament. Is-soċjetà appellata tispjega li hija kellha aktar minn difiża waħda, fejn l-ewwel waħda kienet imsejsa fuq il-

prinċipju li *semper necessitas probandi incumbit ei qui agit,* iżda fil-każ odjern tirriżulta prova fir-rigward tal-ammont ta' €3,254.80 biss. Tikkontendi li l-appellant ma jistax jistrieħ fuq malintiż fl-ewwel seduta li ġie rrimedjat fit-tieni seduta, meta l-avukat difensur tagħha ddikjarat li għandha titressaq prova mill-appellant fir-rigward tal-ammont reklamat li bl-ebda mod ma kien qed jiġi aċċettat mis-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata tgħid li l-appellant donnu jistrieħ fuq dikjarazzjoni ta' David Cuschieri, rappreżentant tas-soċjetà appellata, iżda kellha titqies il-kredibilità tax-xhud iben l-appellant Edward Pace Balzan, li ma kienx kredibbli fejn dan qal li x-xogħlijiet kienu saru, iżda ma offra l-ebda prova.

11. Il-Qorti tosserva li t-talba mressqa mill-appellant quddiem l-Arbitru kienet għar-riżarċiment min-naħa tas-soċjetà appellata tal-ħsarat ikkaġunati fid-dgħajsa proprjetà tal-appellant stess, riżultanti minn maltempata, u li kienu jleħħqu €14,317.68. Is-soċjetà appellata laqgħet billi eċċepiet li kien hemm *breach of warranty* tal-polza ta' assikurazzjoni, sabiex b'hekk hija ma kellha l-ebda obbligu li tonora l-*claim* tal-appellant. Imbagħad fl-ewwel seduta kif sewwa jirrileva l-appellant, sar verbal fejn ingħad *"l-avukat tal-intimata ma tikkontestax l-ammonti reklamati per se".* Waqt ix-xhieda tiegħu fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2021, ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata ddikjara li *"...aħna ħassejna li l-claim li hija is-suġġett ta' dawn il-proċeduri stajna inkomplu nittrattawha favorevolment dment li nirċevu l-evidenza tat-tiswijiet ... Id-dispute hija biss fuq il-quantum, u mhux fuq il-dritt tiegħu ta' koperatura".*

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-Arbitru, l-appellant kien ukoll argumenta bħal ma qiegħed għal darb'oħra jagħmel quddiem din il-Qorti,

li s-soċjetà appellata naqset milli tressaq prova in sostenn ta' dak sottomess fir-risposta tagħha. Iżda kif sewwa tirrileva l-imsemmija soċjetà appellata, min jallega jrid jipprova u għalhekk kien jispetta lilu li jressaq id-debita prova dwar id-danni allegatament sofferti minnu riżultat tal-ħsarat fid-dgħajsa. Dan ukoll għalhekk korrettement għarfu l-Arbitru, meta stqarr li fost affarijiet oħra kien jispetta lill-appellant li jipprova l-ammont tad-danni reklamati minnu, filwaqt li s-soċjetà appellata ma kellha tipprova xejn. Dwar dan il-punt, aktar tard fil-lodo arbitrali l-Arbitru filwaqt li rrileva l-kwistjoni tal-interess ġuridiku tal-appellant, iddikjara li *"...irriżulta illi l-imsemmi Anthony Pace Balzan ma ħallasx ċenteżmu mill-ammont li qed jitlob li jiġi risarċit fih".* Fil-fehma tal-Qorti, hawn jinstab il-punt kruċjali li fuqu kellha tiġi deċiża l-vertenza bejn il-partijiet, u dan ġaladarba ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-ħsarat ikkaġunati u r-responsabbiltà tas-soċjetà appellata taħt il-polza ta' assigurazzjoni. Madankollu jirriżulta li l-appellant naqas milli juri li huwa kien sofra d-danni reklamati minnu, u għalhekk naqas milli jipprova punt essenzjali sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu. Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jitqies li hawn l-Arbitru ħareġ lil hinn mill-parametri tal-azzjoni.

13. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellant ġustifikati u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, tiċħad ukoll it-talbiet tiegħu, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellata, u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**